MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Numru 459/2007

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

Vs

Kenneth Borg
Bradley-Reno Sapiano

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Kenneth Borg u Bradley-Reno Sapiano, detenturi tal-karta ta' identita' numru 0310177M u 0547574M rispettivament;

Kenneth Borg wahdu akkuzat talli:

1. Nhar it-8 ta' Mejju, 2007 ghall-habta tal-ghaxra ta' fil-ghodu, gewwa Triq Birbal, Hal-Balzan, flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq minn gewwa residenza bin-numru 159 ghad-dannu ta' Bernardette Cassar, liema

serq huwa aggravat bl-ammont li jaqbez l-elf Lira Maltin (Lm1,000) bil-mezz u bil-lok;

2. Bejn April u Lulju 2006, minn gewwa San Gilan, ikkommetta serq ta' laptop tal-marka HP minn gewwa vettura, liema serq huwa aggravat bl-valur li jaqbez il-mitt Lira Maltin (Lm100), izda mhux l-elf Lira Maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-haga misruqa;

Lil Bradley-Reno Sapiano wahdu talli:

3. Nhar it-22 ta' Mejju, 2007 u fil-granet u gimghat ta' qabel, xjentement xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Nhar it-22 ta' Mejju, 2007 u fix-xhur ta' qabel, gewwa r-Rabat Malta zamm fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu jew inkella uza arma tan-nar, jew imitazzjoni ta' arma tan-nar, u cioe' pistola minghajr isem, u numru tas-serje 040322 flimkien ma' munizzjon ghall-istess arma minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi bhala persuna li gie fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjon, naqas li minnufih jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija;

6. B'hekk Bradley-Reno Sapiano sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Ikkunsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati, tiddikkjarahom hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom.

Fir-rigward il-piena qieset ic-cirkostanzi kollha, rat l-Artikoli 261, 267, 278, 279, 17, u 31 u fil-konfront ta' Bradley-Reno Sapiano rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li tapplika kontra taghhom l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' tlett snin taht il-kundizzjonijiet specifikati fil-verbal u fl-Ordni relattiv.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbiltajiet taghhom eminenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------